# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-4 ta' Ottubru 2012

## li taħtar sitt membri Rumeni u ħames membri supplenti Rumeni fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2012/626/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Rumen,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ([1]) u 2010/29/UE ([2]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Decebal ARNĂUTU, is-Sur Veronica DIACONU, is-Sinjura Edita Emőke LOKODI, is-Sur Constantin OSTAFICIUC, is-Sur Vasile SAVA u s-Sur Gheorghe Bunea STANCU, saru vakanti s-siġġijiet ta' sitt membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Árpád Szabolcs CSEHI, is-Sur Gheorghe FLUTUR, is-Sinjura Mariana MIRCEA, is-Sur Mircia MUNTEAN u s-Sinjura Ioana TRIFOI, saru vakanti s-siġġijiet ta' ħames membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

— is-Sur Cristian Mihai ADOMNIȚEI, *President of Iași County Council*

— is-Sur Dragoș Adrian BENEA, *President of Bacău County Council*

— is-Sur Ovidiu BRĂILOIU, *Mayor of Eforie town, Constanța County*

— is-Sur Csaba BORBOLY, *President of Harghita County Council*

— is-Sinjura Mariana GÂJU, *Mayor of the Cumpăna commune, Constanța County*

— is-Sur Emilian OPREA, *Mayor of Chitila town, Ilfov County*

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Andrei Ioan CHILIMAN, *Mayor of District 1 - Bucharest*

— is-Sinjura Veronica DIACONU, *Local Councillor, Gorgota commune Local Council, Prahova County*

— is-Sur Petru Nicolae IOȚCU, *President of Arad County Council*

— is-Sur Marian PETRACHE, *President of Ilfov County Council*

— is-Sur Silviu PONORAN, *Mayor of Zlatna town, Alba County.*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. CHARALAMBOUS

---

([1]) ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.
([2]) ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.